

Brussell, 5 ta' Marzu 2021
(OR. en)

6796/21

AG 16
INST 80

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Delegazzjonijiet

Suġġett: Konferenza dwar il-Ġejjieni tal-Ewropa
- Dikjarazzjoni Konġunta

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuża d-Dikjarazzjoni Konġunta dwar il-Konferenza dwar il-Ġejjieni tal-Ewropa kif approvata mill-Kunsill fil-5 ta' Marzu 2021 permezz ta' proċedura bil-miktub.

DIKJARAZZJONI KONĠUNTA DWAR IL-KONFERENZA DWAR IL-ĠEJJENI TAL-EWROPA

L-INVOLVIMENT MAĊ-ĊITTADINI GĦAD-DEMOKRAZIJA – Il-bini ta' Ewropa aktar reżiljenti

70 sena ilu, id-dikjarazzjoni ta' Schuman qiegħdet il-pedament tal-Unjoni Ewropea tagħna. Tat bidu għal proġett politiku uniku li għab il-paċi u l-prosperità, u b'hekk tejjeb il-ħajja taċ-ċittadini Ewropej kollha. Issa huwa xieraq li nirriflettu fuq l-Unjoni tagħna, l-isfidi li qed niffaċċjaw u l-futur li rridu nibnu flimkien mal-objettiv tat-tiżni tas-solidarjetà Ewropea.

Sa mill-ħolqien tagħha, l-Unjoni Ewropea għelbet diversi sfidi. Bil-pandemija tal-COVID-19, il-mudell uniku tal-Unjoni Ewropea għie sfidat bħal qatt qabel. L-Ewropa tista' u għandha wkoll tieħu tagħlimiet minn dawn il-kriżijiet, bl-involviment mill-qrib taċ-ċittadini u l-komunitajiet.

L-Unjoni Ewropea trid turi li tista' tipprovdi tweġibiet għat-tħassib u l-ambizzjonijiet taċ-ċittadini. Il-politika Ewropea għandha tipprovdi tweġibiet inklużivi għall-kompiti tagħna li jiddefinixxu din il-ġenerazzjoni: il-kisba tat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali, filwaqt li tissaħħaħ ir-reżiljenza tal-Ewropa, il-kuntratt soċjali tagħna u l-kompetittività tal-industrija Ewropea. Għandha tindirizza l-inugwaljanzi u tiżgura li l-Unjoni Ewropea tkun ekonomija ġusta, sostenibbli, innovattiva u kompetittiva li ħadd ma jitħalla jibqa' lura. Biex tindirizza l-isfidi ġeopolitiċi fl-ambjent globali ta' wara l-COVID-19, jeħtieġ li l-Ewropa tkun aktar assertiva, waqt li tieħu rwol globali ta' mexxej fil-promozzjoni tal-valuri u l-istandards tagħha f'dinja dejjem aktar imqallba.

Iż-żieda fil-parteċipazzjoni tal-votanti matul l-elezzjoni Ewropea tal-2019 tirrifletti l-interess dejjem jikber taċ-ċittadini Ewropej li jkollhom rwol aktar attiv fid-deċizzjoni dwar il-futur tal-Unjoni u l-politiki tagħha.

Il-Konferenza dwar il-Ġejjieni tal-Ewropa ser tiftaħ spazju ġdid għal dibattitu maċ-ċittadini biex jiġu indirizzati l-isfidi u l-prijoritajiet tal-Ewropa. Iċ-ċittadini Ewropej minn kull qasam tal-ħajja u minn kull rokna tal-Unjoni ser ikunu jistgħu jipparteċipaw, biż-żgħażaġħ Ewropej jaqdu rwol ċentrali fit-tiswir tal-ġejjieni tal-proġett Ewropew.

Aħna, il-Presidenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni Ewropea rridu li ċ-ċittadini jingħaqdu fil-konverżazzjoni u jgħidu tagħhom dwar il-futur tal-Ewropa. B'dan nimpnejaw ruħna b'mod konġunt li nisimgħu lill-Ewropej u li nsegwu r-rakkomandazzjonijiet magħmula mill-Konferenza, b'rispett sħiħ tal-kompetenzi tagħna u tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità minquxa fit-Trattati Ewropej.

Aħna ser nieħdu l-opportunità biex insostnu l-leġittimità demokratika u l-funzjonament tal-proġett Ewropew kif ukoll biex nirrispettaw l-appoġġ taċ-ċittadini tal-UE għall-għanijiet u l-valuri komuni tagħna, billi nagħtuhom aktar opportunitajiet biex jesprimu lilhom infushom.

Il-Konferenza hija impenn konġunt tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni Ewropea, li jaġixxu bħala sħab ugwali flimkien mal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea. Bħala firmatarji ta' din id-Dikjarazzjoni Konġunta, aħna nimpnejaw ruħna li naħdmu flimkien matul il-Konferenza kollha u li niddedikaw ir-riżorsi meħtieġa għal dan l-isforz. Aħna nimpnejaw ruħna li naħdmu fl-interess tal-Ewropa, taċ-ċittadini tagħna, u tad-demokrazija Ewropea, filwaqt li nsaħħu r-rabta bejn l-Ewropej u l-istituzzjonijiet li jservuhom.

Taħt il-kappa tal-Konferenza u b'rispett sħiħ għall-prinċipji stabbiliti f'din id-Dikjarazzjoni Konġunta, ser norganizzaw avvenimenti fi sħubija mas-soċjetà ċivili u l-partijiet ikkonċernati fil-livell Ewropew, nazzjonali, reġjonali u lokali, mal-Parlamenti nazzjonali u reġjonali, il-Kumitat tar-Reġjuni, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali, is-sħab soċjali u d-dinja akkademika. L-involvement tagħhom ser jiżgura li l-Konferenza tmur ferm lil hinn mill-bliet kapitali tal-Ewropa u tilħaq kull rokna tal-Unjoni. L-avvenimenti ser jiġu organizzati taħt sett ta' prinċipji komuni li għandhom jiġu maqbula mill-istrutturi tal-Konferenza.

Nistiednu lil istituzzjonijiet u korpi oħra biex jingħaqdu f'dan l-eżerċizzju demokratiku Ewropew. Flimkien, ser nagħmlu din il-Konferenza suċċess. Ser nistiednu lill-Konferenza biex tilħaq konklużjonijiet sar-Rebbiegħa 2022 sabiex tipprovdi gwida dwar il-ġejjieni tal-Ewropa.

a. Kif

Il-Konferenza dwar il-Ġejjieni tal-Ewropa hija **eżerċizzju "minn isfel għal fuq" iffukat fuq iċ-ċittadini** biex l-Ewropej jgħidu tagħhom dwar dak li jstennaw mill-Unjoni Ewropea. Din ser tagħti rwol akbar liċ-ċittadini fit-tiswir tal-politiki u l-ambizzjonijiet futuri tal-Unjoni, filwaqt li ttejjeb ir-reżiljenza tagħha. Ser tagħmel dan permezz ta' **għadd kbir** ta' konferenzi u dibattiti organizzati madwar l-Unjoni, kif ukoll permezz ta' **pjattaforma diġitali multilingwi interattiva**.

Konferenzi bħal dawn, f'laqgħat fiżiċi jew f'ambjenti diġitali, jistgħu jiġu organizzati f'livelli differenti, inkluż fil-livell **Ewropew, nazzjonali, tranżnazzjonali u reġjonali** u ser jinvolvu **lis-soċjetà ċivili u l-partijiet ikkonċernati**. Il-parteċipazzjoni taċ-ċittadini f'dawn l-avvenimenti għandu jkollha l-għan li tirrifletti d-diversità tal-Ewropa.

Filwaqt li minħabba l-miżuri ta' tbeġħid soċjali u restrizzjonijiet simili fil-kuntest tal-**COVID-19**, l-sforzi u l-attivitajiet ta' involviment diġitali huma ta' importanza ewlenija, jenħtieġ li l-parteċipazzjoni fiżika u l-iskambji wiċċ imb' wiċċ ikunu parti essenzjali mill-Konferenza.

Fil-livell Ewropew, l-istituzzjonijiet Ewropej jimpenjaw ruħhom li jorganizzaw **panels taċ-ċittadini Ewropej**.

Dawn għandhom ikunu rappreżentattivi f'termini tal-orijini ġeografika, il-ġeneru, l-età, l-isfond soċjoekonomiku u/jew il-livell tal-edukazzjoni taċ-ċittadini. Avvenimenti speċifiċi għandhom ikunu ddedikati għaż-żgħażaġħ peress li l-parteċipazzjoni tagħhom hija essenzjali biex jiġi żgurat l-impatt fit-tul tal-Konferenza. Il-panels għandhom jieħdu kont tal-kontributi miġbura fil-qafas tal-Konferenza u jikkontribwixxu fil-Plenarja tal-Konferenza billi jiffornaw sett ta' rakkomandazzjonijiet biex l-Unjoni ssegwi.

Kull Stat Membru u istituzzjoni jistgħu jorganizzaw avvenimenti addizzjonali, f'konformità mal-ispeċifitajiet nazzjonali jew istituzzjonali tagħhom stess, u jagħtu aktar kontributi lill-Konferenza, bħal **panels nazzjonali taċ-ċittadini** jew avvenimenti tematiċi li jiġbru flimkien il-kontribut minn panels differenti.

Avvenimenti nazzjonali u Ewropej fil-qafas tal-Konferenza ser jiġu organizzati skont sett ta' prinċipji u kriterji minimi li jirriflettu l-valuri tal-UE li għandhom jiġu definiti mill-istrutturi tal-Konferenza.

L-istituzzjonijiet Ewropej ser **jikkomunikaw** ukoll maċ-ċittadini u jippromwovu forom usa', interattivi u kreattivi ta' parteċipazzjoni.

Il-kontribut mill-avvenimenti kollha relatati mal-Konferenza ser jinġabar, jiġi analizzat, immonitorjat u ppubblikat matul il-Konferenza kollha permezz ta' **pjattaforma diġitali multilingwi**. Dan ser ikun post fejn iċ-ċittadini jaqsmu l-ideat tagħhom u jibagħtu s-sottomissjonijiet online.

Mekkaniżmu ta' feedback għandu jiżgura li l-ideat espressi matul l-avvenimenti tal-Konferenza jirriżultaw f'rakkomandazzjonijiet konkreti għal azzjoni tal-UE.

Il-**Konferenza** ser titqiegħed taħt l-awtorità tat-tliet istituzzjonijiet, irrappreżentati mill-President tal-Parlament Ewropew, il-President tal-Kunsill u l-President tal-Kummissjoni Ewropea, li jaġixxu bħala l-**Presidenza Konġunta** tagħha.

Struttura ta' governanza sempliċi ser tgħin biex tidderieġi l-Konferenza. Hija ser tiżgura r-rappreżentanza ugwali tat-tliet istituzzjonijiet Ewropej u ser tkun ibbilanċjata bejn il-ġeneri, fost il-partijiet komponenti kollha tagħha.

Ser jiġi stabbilit **Bord Eżekuttiv**. Dan ser jikkonsisti minn rappreżentanza ugwali mill-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni Ewropea, b'kull wieħed ikollu tliet rappreżentanti u sa erba' osservaturi. It-Trojka presidenzjali tal-COSAC ser tipparteċipa bħala osservatur. Il-Kumitat tar-Regġuni u l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali jistgħu jiġu mistiedna wkoll bħala osservaturi, kif ukoll rappreżentanti ta' korpi oħra tal-UE u msieħba soċjali fejn xieraq.

Il-Bord Eżekuttiv ser ikun kopresedut mit-tliet istituzzjonijiet u ser jirrapporta fuq bażi regolari lill-Presidenza Konġunta. Il-Bord Eżekuttiv ser ikun responsabbli għat-teħid ta' deċiżjonijiet b'kunsens, rigward il-ħidma tal-Konferenza, il-proċessi u l-avvenimenti tagħha, is-sorveljanza tal-Konferenza hekk kif tavvanza, u t-tħejjija tal-laqgħat tal-Plenarja tal-Konferenza, inkluż il-kontributi taċ-ċittadini u s-segwitu tagħhom.

Segretarjat Komuni, ta' daqs limitat u li jiżgura rappreżentanza ugwali tat-tliet istituzzjonijiet, ser jassisti l-ħidma tal-Bord Eżekuttiv.

Plenarja tal-Konferenza ser tiżgura li r-rakkomandazzjonijiet mill-panels nazzjonali u taċ-ċittadini Ewropej, miġbura skont it-tema, jiġu diskussi mingħajr eżitu predeterminat u mingħajr ma jiġi limitat l-ambitu għal oqsma ta' politika definiti minn qabel. Il-Plenarja tal-Konferenza ser tiltaqa' mill-inqas kull sitt xhur u tkun magħmula minn rappreżentanti mill-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni Ewropea, kif ukoll rappreżentanti mill-Parlamenti nazzjonali kollha, fuq bażi ugwali, u iċ-ċittadini. Il-Kumitat tar-Regġuni u l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali, is-sħab soċjali u s-soċjetà ċivili ser ikunu rrappreżentati wkoll. Ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà għandu jkun assoċjat meta jiġi diskuss ir-rwol internazzjonali tal-UE. Jistgħu jiġu mistiedna rappreżentanti tal-partijiet ikkonċernati ewlenin. Il-Bord Eżekuttiv ser ifassal u jipubblika l-konklużjonijiet tal-Plenarja tal-Konferenza.

L-istrutturi tal-Konferenza ser jaqblu mill-bidu nett u fuq bażi konsenswali dwar il-modalitajiet għar-rapportar dwar l-eżiti tad-diversi attivitajiet imwettqa fil-kuntest tal-Konferenza. L-eżitu finali tal-Konferenza għandu jkun ippreżentat f'rapport lill-Presidenza Konġunta. It-tliet istituzzjonijiet ser jeżaminaw malajr kif isegwu b'mod effettiv dan ir-rapport, kull waħda fl-isfera ta' kompetenzi tagħha u f'konformità mat-Trattati.

b. Xiex

Il-mira tagħna, il-Presidenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni Ewropea, hija li ċ-ċittadini jkunu jistgħu **jsemmgħu lehinom dwar dak li huwa importanti għalihom**.

B'riflessjoni tal-Aġenda Strateġika tal-Kunsill Ewropew, il-Linji Gwida Politiċi 2019-2024 tal-Kummissjoni Ewropea u l-isfidi li ġabet magħha l-pandemija tal-COVID-19, id-diskussjonijiet ser ikopru, fost l-oħrajn:

Il-bini ta' kontinent b'saħħtu, il-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima u l-isfidi ambjentali, ekonomija li taħdem għan-nies, il-ġustizzja soċjali, l-ugwaljanza u s-solidarjetà interġenerazzjonali, it-trasformazzjoni diġitali tal-Ewropa, id-drittijiet u l-valuri Ewropej inkluż l-Istat tad-Dritt, l-isfidi tal-migrazzjoni, is-sigurtà, ir-rwol tal-UE fid-dinja, il-pedamenti demokratiċi tal-Unjoni, u kif jissaħħu l-proċessi demokratiċi li jirregolaw l-Unjoni Ewropea. Id-diskussjonijiet jistgħu jkopru wkoll kwistjonijiet trasversali relatati mal-kapaċità tal-UE li twettaq il-prijoritajiet ta' politika, bħar-regolamentazzjoni aħjar, l-applikazzjoni tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità, l-implimentazzjoni u l-infurzar tal-acquis u t-trasparenza.

L-ambitu tal-Konferenza għandu jirrifletti l-oqsma fejn l-Unjoni Ewropea għandha l-kompetenza li taġixxi jew fejn l-azzjoni tal-Unjoni Ewropea kienet tkun ta' benefiċċju għaċ-ċittadini Ewropej.

Ġ-ċittadini jibqgħu liberi li jqajmu kwistjonijiet addizzjonali li huma importanti għalihom.

c. Il-prinċipji tal-Konferenza

Il-Konferenza hija bbażata fuq l-**inklużività, il-ftuħ u t-trasparenza**, filwaqt li tirrispetta l-privatezza tan-nies kif ukoll ir-regoli tal-UE dwar il-protezzjoni tad-data. Il-panels taċ-Ċittadini Ewropej organizzati fil-livell Ewropew jiġu mxandra, u s-sottomissjonijiet online kif ukoll id-dokumentazzjoni jsiru disponibbli fuq il-pjattaforma.

Il-Konferenza, il-governanza u l-avvenimenti tagħha organizzati fil-qafas tagħha, huma bbażati wkoll fuq il-**valuri tal-UE** kif minqusa fit-Trattati tal-UE u fil-Karta Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali.

Il-Konferenza tingħaraf permezz ta' **identità unika** u **Karta tal-Konferenza** li l-organizzaturi kollha tal-avvenimenti jridu jsegwu.

Għall-Parlament Ewropew Għall-Kunsill Għall-Kummissjoni Ewropea

David Sassoli António Costa Ursula von der Leyen